*Nežżgħuli l-libsa ta' raħħal u l-ħorġa,*
*ħudu s-suffara li saffart ġol-wied.*
*għannejt il-ġmiel tas-siġar u l-egħlieqi,*
*issa ser ngħanni l-ħażen tad-drawwiet.*

U jiffigura ruħu bħala l-buffu jew il-*clown* fil-kummiedja ta' dil-ħajja, ir-*Rigoletto* fil-Qrati tas-Slaten li jdaħħak u jniggeż, iżda mhux jispiċċa biex fil-mestier tiegħu jpatti bid-dmugħ is-swat sarkastiċi tiegħu.

Il-poeta fl-aħħar strofa ta' din il-preżentazzjoni għaraf bl-iktar sengħa jdawwaqna l-essenza tas-sarkażmu filosofiku ta' l-epigrammi tiegħu.

Fi ftit kliem f'dawn l-epigrammi għandna miġbur f'mera ta' spirtu psikoloġiku dawk id-debollezzi tal-ħajja soċjali tagħna u tagħhom tana l-isbaħ mudelli u li fihom igħallmuna nidħku xi minn daqqiet bina nfusna, u għalhekk b'sarkażmu filosofiku l-poeta jgħidilna fl-aħħar:

*Toboghduniex; iżda idħlu ġewwa fikom,*
*araw kif intom pulċinelli żgħar;*
*jekk jirnexxilkom tidħku ġewwa fikom*
*bikom infuskom tkunu għorrief kbar.*

Għal dik li hi arti prosodika naraw illi f'din il-libsa ġdida li libes il-poeta tan-Natura u tar-Romantiċiżmu, biex il-qarrej itiegħem iżjed ħafif u tajjeb l-ispirtu sarkastiku tal-versi tiegħu, il-poeta 'l hawn u 'l hinn kellu jġenneb ir-reqqa tal-frażi u jerħi xi ftit mill-ilġiem tal-metrika mitluba mill-poeżija lirika. Wara kollox, l-Muża tan-Natura baqgħet lil Buttigieg tfittxu—is-sieħba ta' torbit il-Ġenju poetiku tiegħu li għadu marbut magħha u hi miegħu—kif naraw fl-aħħar ta' din il-ġabra ta' versi epigrammatiċi fil-poeżija "Il-Ħarba mill-Muża".

Dnub li dan il-ktieb li bih il-Poeta tana l-ewwel u l-isbaħ dokument ta' l-Epigramma Maltija ma waqax kollu f'idejn min tassew jaf igħożżu.

28/9/1963. A. CREMONA.

## MILL-KRONAKA TAGĦNA

**NIFIRĦU lill-Kavalier IVO MUSCAT AZZOPARDI, P.L., li f'dan ix-xahar ta' Diċembru għalaq Sebgħin Sena li minnhom għadda Ħamsin Sena jikteb bil-Malti u jħabrek biex imexxi 'l quddiem l-Ilsien tagħna.**

**Nixtiqulu għomor twil b'riżq il-Maltin u fl-għożża tal-ħbieb.**

---

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA TAL-GĦAQDA

**Ir-Rużarju**—Xandir ta' Kultura Dumnikana.
Vol. XV—Ott.-Diċ., 1963. No. 3.
Editur P. Valentin Barbara, O.P.

**Ħrejjef Esopu** ta' Bro. Henry, F.S.C.
Minn għand l-Awtur

**Grammatika Maltija** ta' Bro. Henry, F.S.C.
Minn għand l-Awtur

**The Way Ahead** ta' Ant. Agius Muscat.
Minn għand l-Awtur



## WERREJ TAS-SENA 1963


**A.Z.**
Rużar Briffa—Poeżiji ... faċċ. 60

**Abela, Rev. Ġużè**
*Epithalamion* ... „ 82

**Agius, Mario**
*Lil Missieri* ... „ 23

**Agius Muscat, Anton**
"Tibqa' Warajna l-Għanja" ... „ 66

**Barbara, Patri Valentin V., O.P.**
L-Aħħar Poeżiji ta' Rużar Briffa ... „ 41
*Fil-Mewt ta' Rużar Briffa* ... „ 44

**Borg Pantalleresco, Ġ., P.L.**
*Il-Milied it-Tajjeb* ... „ 116

**Briffa, Dr. Rużar, B.Sc., M.D.**
*Vjolin Marid* ... „ 53
*Il-Każin Malti* ... „ 53
*Żewġ Poeżiji bla Isem* ... „ 54-55
*Frammenti* ... „ 56
*Lil F. S. Caruana* ... „ 71

**Buttigieg, Dr. Anton, B.A., LL.D., M.L.A.**
*Meta Qabdu Miegħi l-Irwiefen* ... „ 24

**Cardona, Ġużè**
*F'Marsalforn* ... „ 61
*Kellimni fuq Rużar* ... „ 65
*L-Hena Biss fil-Poeżija* ... „ 83

**Caruana, F.S.**
*Lil Rużar Briffa* ... „ 72

**Casha, Charles**
*Iż-Żgħożija* ... „ 114

**Cassar Pullicino, Ġ.**
*Tagħniqa Vojta* ... „ 87

**Cassola, Kav. Albert M., F.I.L.**
*Lil Rużar Briffa, il-Ġenna* ... „ 57

**Chetcuti, Ġużè**
*Fil-Mewt tat-Tabib Rużar Briffa* ... „ 39

**Cremona, Dr. A., D.Lit.** „ 35
Rużar Briffa ... „ 91
Meta l-Mara Tibqa' Tmieri ... „ 117
Lista tal-Poeżiji ta' Dun Karm ...